ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 57/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, l-1 ta' Novembru 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat (ittra tal-Kunsillier Debono mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 56/10

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 56/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku għamel referenza għall-pġ. 5 l-aħħar para. taħt l-*item* Affarijiet Oħra u qal minflok il-kelma ''ħlas'' għandha titniżżel il-kelma ''kumpens''. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 56/10

Il-Kunsillier Camilleri għamel referenza għall-laqgħa mitluba mal-Ministru għal Għawdex fir-rigward tal-grawnd ta' l-iskola primarja u staqsa jekk kienx hemm xi tweġiba mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet fin-negattiv. Ġie deċiż li tintbagħat *reminder* tal-ittra lill-Ministeru għal Għawdex.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-Kunsill Lokali approva (Laqgħa Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn nru. 05/2010):

(i) titwaħħal tabella 'Keep Clear' maġenb il-latrina pubblika tal-Menqa.
(ii) il-Perit jagħmel pjanta ta' *roundabout* għal Triq il-Qbajjar biex fiha titħawwel is-siġra tal-palm li trid tinqala' minn Pjazza San Pawl.
(iii) għall-Milied tinxtegħel is-siġra fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl u s-siġra li hemm fid-daħla ta' Marsalforn.

L-Aġenda kienet sospiża biex rappreżentanti tal-Kumitat Zebbug Rovers F.C. indirizzaw lill-Kunsill. Tkellmu fit-tul dwar il-proġett tal-grawnd tal-iskola primarja.

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għat-turf tal-grawnd (il-Kumitat għandu jgħaddi lis-Segretarja Eżekuttiva l-ispecs tad-dok.).

## 5. KORRISPONDENZA

Peress li l-Ftehim li ser jirregola s-servizz tal-*brinig-in sites* fil-lokalita' ntbagħat minn qabel lill-Kunsillieri, dan il-Ftehim ġie meħud bħala moqri. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-Ftehim.

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar 'MOC Sports Awards'.

Komunikat tad-Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali. Intqal li fuq il-bajja m' għandhomx jingħataw permessi pero' mill-Bajja tax-Xwejni l-ġewwa jistgħu jinħarġu permessi.

Komunikat tal-Perit Scerri dwar id-dokumenti tal-offerta tal-Kuntratt tal-*patching*. Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi kopja tal-doki. tal-offerta lill-Kunsillieri.

Ittra tal-Perit tal-Kunsill dwar id-devoluzzjoni tal-gabbana tal-*promenade* tal-Qbajjar. Is-Sindku qal li din l-ittra għandha tkun diskussa mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

Ittra mibgħuta minn Gozo Adventures dwar l-interess tagħhom li jġibu *mobile climbing wall* fil-lokalita'. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-proposta ta' Gozo Adventures.

APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PERMESS JEW KUMMENTI TAL-KUNSILL LOKALI

| | |
|---|---|
| Applikazzjoni mal-MEPA ta' Bernard Zammit biex "To shift alignment to reflect the open air structure which is ancillary to the existing restaurant" fl-inħawi ta' Taħt ix-Xifer. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| Eddie Vella tal-Gozo Jeep Tours Għal attivita' soċjali nhar is-7 ta' Novembru 2010 fix-Xwejni. | Approvata. |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:-**

| | |
|---|---|
| Ikla ta' nofsinhar – ħarġa kulturali 20/10/2010 (Seashells Restaurant) | €350.00 |
| *Contract Manager fee* – Ottubru 2010 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Settembru – Ottubru 2010 (John Zammit) | €342.02 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Awwissu – Settembru 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €1,297.41 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku (*double collection* f' Marsalforn) u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Settembru 2010 (Louis Attard) | €7,533.52 |
| Paga tas-Segretarja Eżekuttiva – Settembru 2010 | €1,598.96 |
| Onorarja tas-Sindku – Settembru 2010 | €341.03 |
| Paga tal-Ass. Uffiċjal Prinċipali – Settembru 2010 | €1,248.61 |
| Ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni – Settembru 2010 (Dipartiment tat-Taxxi Interni) | €1,198.32 |
| Rimbors tal-*petty cash* – Settembru 2010 | €65.84 |
| *Contracts Manager fee* – Lulju & Awwissu 2010 (Fortunato Mifsud) | €134.39 |
| Servizzi ta' librara – Ottubru 2010 (Joanne Grima) | €218.63 |
| Xogħol bil-JCB fi Triq Tal-Ħamra (Richard Axiaq) | €62.00 |

Dwar dan il-kont, is-Sindku qal kienu ċemplulu xi bdiewa u kienu nfurmawh li t-triq kienet magħluqa bil-ġebel u għalhekk ordna lil Axiaq biex iwarrab il-ġebel għal ġenb tat-triq, kemm jiftaħ it-triq.

Dwar il-kontijiet ta' L' Aragosta Restaurant, Odyssey Restaurant u Pebbles Restaurant għal *drinks* – End of Summerfest 2010 f' Marsalforn, il-Kunsill

iddeċieda li jitlob lill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn spjegazzjoni dwar dawn it-tlett kontijiet.

## 7. IS-SERVIZZ TAL-I*SKIPS ON WHEELS*

Dwar l-i*skips on wheels* ta' Triq iż-Żebbuġ, is-Sindku ssuġġerixxa li titqarreb il-lenti tas-CCTV.

Ġie maqbul li ssir talba lill-Kumitat Konġunt tal-LES biex tiżdied is-sorveljanza mill-gwardjani lokali fuq id-diversi *skips on wheels* li l-Kunsill għandu mxerrda mal-lokalita'.

## 8. IT-TKOMPLIJA TAL-BERĠA

Is-Sindku qal fil-berġa hemm bżonn isiru xi *partitions* tal-*aluminium*. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel sejħa għall-kwotazzjonijiet għal *partitions* li hemm bżonn isiru fil-berġa.

## 9. MILIED 2010

Il-Kunsill iddeċieda li għall-festi tal-Milied jintramaw is-soltu dekorazzjonijiet – ix-xogħol isir mill-Kumitat tal-Armar.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Ġie deċiż li jintbagħat *invoice* lill-operatur tad-Dive Bar li baqa' ma ħallasx għall-permess tal-imwejjed maħruġ mill-Kunsill (sajf 2009).

Il-Kunsill approva li jitħammel il-wied magħruf bħala Ta' Ċikku; jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 57/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Pajpijiet għal Triq iż-Żebbuġ u żebgħa għall-bankijiet | |
| (Dominic Department Stores Ltd) | €36.39 |
| *Fuel* - vjaġġi biex inġabru bankijiet u *litterbins* minn Marsalforn | |
| (Carmel Camilleri) | €25.00 |
| Spjejjeż tal-uffiċċju | |
| (Smart Office Supplies Ltd) | €103.19 |
| *E-mail accounts* tal-Kunsillieri 7-9/2010 | |
| (MITA) | €19.92 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons | |
| (GO) | €186.97 |
| Servizz tal-*Wide Area Connectivity* Ottubru – Diċembru 2010 | |
| (MITA) | €416.85 |
| Żarmar tal-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn | |
| (Mario Vella) | €400.00 |
| Żebgħa għall-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar | |
| (DolphinPools) | €118.00 |
| Madum għall-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar | |
| (DolphinPools) | €276.00 |
| Provvista ta' ramel | |
| (Road Construction Co Ltd) | €127.81 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Settembru 2010 | |
| (Salvina Bajada) | €32.62 |
| Dwal, pompa u *bowser* ilma għall-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar | |
| (DolphinPools) | €1,123.21 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Settembru 2010 | |
| (Group 4S Security Services Ltd) | €22.83 |
| Servizz ta' *coach* – ħarġa għal Malta 07-09-10 | |
| (Koptaco Coaches) | €163.00 |
| Ħarira għall-*grasscutter* | |
| (Ronnie Mizzi) | €19.47 |
| Kiri ta' żiemel – Musical 'Għeruqna' | |

| | |
|---|---|
| (Joyce Debono) | €208.00 |
| Ħasil ta' Pjazza l-Assunta għall-festa ta' Santa Marija | |
| (Road Construction Co Ltd) | €81.56 |

27 ta' Ottubru 2010